

It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008

**Emendar tad-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fi ħdan l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Komunità \*\*\*II**

P6\_TA(2008)0333

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni tad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fi ħdan l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Komunità (5058/3/2008 — C6-0177/2008 — 2006/0304(COD))

(2009/C 294 E/39)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (5058/3/2008 — C6-0177/2008) <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari <sup>(2)</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2006)0818),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0220/2008),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;
2. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 122 E, 20.5.2008, p. 19.

<sup>(2)</sup> Testi Adottati, 13.11.2007, P6\_TA(2007)0505.

**P6\_TC2-COD(2006)0304**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fit-8 ta' Lulju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva 2008/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fi ħdan l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità**

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel mal-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2008/101/KE.)